IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.1.2014
COM(2014) 46 final

2014/0021 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-approvazzjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Aja tat-30 ta' Ġunju 2005 dwar Ftehimiet dwar l-Għażla tal-Forum

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

1.1. L-iskop tal-proposta

Il-Kummissjoni qed tipproponi li l-UE tapprova l-Konvenzjoni dwar Ftehimiet dwar l-Għażla tal-Forum 2005. Din il-Konvenzjoni ġiet iffirmata mill-Unjoni fl-1 ta' April 2009 abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/397/KE[1].

Il-Pjan ta' Azzjoni li jimplimenta l-Programm ta' Stokkolma ħabbar l-intenzjoni tal-Kummissjoni biex tipproponi l-approvazzjoni tal-Konvenzjoni fl-2012.

L-approvazzjoni tal-UE tal-Konvenzjoni għandha tnaqqas l-inċertezza legali għall-kumpaniji tal-UE b'kummerċ barra mill-UE billi tiżgura li l-ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti inklużi fil-kuntratti jkunu rispettati u li s-sentenzi mogħtija mill-qrati nominati fi ftehimiet bħal dawn ikunu eliġibbli għar-rikonoxximent u l-infurzar fil-Partijiet Kontraenti l-oħra għall-Konvenzjoni.

B'mod ġenerali, l-approvazzjoni tal-Konvenzjoni mill-UE tikkumplimenta r-realizzazzjoni tal-għanijiet sottostanti r-regoli tal-UE dwar il-proroga tal-ġurisdizzjoni, billi toħloq sett armonizzat ta' regoli fl-UE fir-rigward ta' stati terzi li se jsiru Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni.

1.2. Il-Konvenzjoni tal-Aja tat-30 ta' Ġunju 2005 dwar Ftehimiet dwar l-Għażla tal-Forum

Il-Konvenzjoni dwar Ftehimiet dwar l-Għażla tal-Forum ġiet konkluża fit-30 ta' Ġunju 2005 skont il-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat. Il-Konvenzjoni hija mfassla biex toffri ċertezza u prevedibilità akbar għal partijiet involuti fi ftehimiet bejn negozji u tilwim internazzjonali billi twaqqaf alternattiva ta' mekkaniżmu ġudizzjarju biex jittratta l-ilmenti dinjin mhux obbligatorju għas-sistema ta' arbitraġġ eżistenti.

B'mod partikolari, l-għan tal-Konvenzjoni huwa li jippromwovi l-kummerċ u l-investiment internazzjonali permezz ta' kooperazzjoni ġudizzjarja msaħħa billi tintroduċi regoli uniformi dwar il-ġurisdizzjoni bbażati fuq ftehimiet esklussivi dwar l-għażla tal-qorti u fuq ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi mogħtija mill-qrati magħżula fil-Partijiet Kontraenti tagħha.

Il-Konvenzjoni tfittex li toħloq bilanċ bejn (i) il-ħtieġa li tiggarantixxi lill-partijiet li l-qrati li għażlu huma biss jisimgħu l-kawża u li s-sentenza mogħtija tiġi rikonoxxuta u infurzata barra mill-pajjiż, u (ii) il-ħtieġa li l-Istati jitħallew iwettqu ċerti aspetti tal-politika pubblika tagħhom, partikolarment dwar il-protezzjoni tal-partijiet l-aktar dgħajfa, il-protezzjoni kontra inġustizzja serja f'sitwazzjonijiet partikolari u l-garazija li jiġu rrispettati xi bażijiet ta' ġurisdizzjoni esklussiva tal-Istati.

1.3. Kif il-Konvenzjoni tittratta r-Regolament Brussell I

Fil-livell tal-UE, il-ġurisdizzjoni internazzjonali tal-qrati tal-Unjoni bbażata fuq ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti hija rregolata mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ir-Regolament Brussell I)[2] (jiġi sostitwit bir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġurisdizzjoni u dwar ir-rikonoxximent u l-

[1] ĠU L 133, 29.5.2009, p. 1.
[2] ĠU L 12, 16.1.2001, p. 1.

eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (Riformulazzjoni)[3] sal-10 ta' Jannar 2015). Madankollu, ir-Regolament Brussell I ma jirregolax l-eżekuzzjoni fl-Unjoni ta' ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti favur il-qrati ta' Stati terzi[4]. Dan jintlaħaq ladarba l-Konvenzjoni dwar Ftehimiet dwar l-Għażla tal-Qorti tiġi approvata mill-Unjoni.

L-emendi riċenti għar-Regolament Brussell I (ir-Regolament Brussell I (riformulazzjoni)) saħħew l-awtonomija tal-partijiet billi jiżguraw li l-ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti ma jistgħux jiġu evitati minn partijiet li jressqu kawżi quddiem qrati oħra bi ksur ta' dawn il-ftehimiet. Fl-istess ħin, dawn l-emendi jiżguraw li l-istrateġija tal-ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti għal sitwazzjonijiet fl-UE hija konsistenti ma' dik li tkun tapplika għal relazzjonijiet barra l-UE skont il-Konvenzjoni, ladarba din tiġi approvata mill-Unjoni. Ir-Regolament Brussell I (riformulazzjoni) b'hekk iwitti t-triq għall-UE biex tissokta bl-appovazzjoni tal-Konvenzjoni.

Ir-relazzjoni bejn ir-regoli li jinsabu fil-Konvenzjoni u r-regoli eżistenti u futuri tal-UE hija stabbilita mill-Artikolu 26(6) tal-Konvenzjoni kif ġej:

'Din il-Konvenzjoni ma tinċidix fuq l-applikazzjoni tar-regoli ta' Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika li hija Parti minn din il-Konvenzjoni, kemm jekk adottata qabel jew wara din il-Konvenzjoni

(a) fejn l-ebda parti ma hija residenti fi Stat Kontraenti li mhux Stat Membru tal-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika;

(b) f'dak li jikkonċerna r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi bejn Stati Membri tal-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika.

Għaldaqstant il-Konvenzjoni tinċidi fuq l-applikazzjoni tar-Regolament Brussell I jekk għallinqas wieħed mill-partijiet huwa residenti fi Stat Kontraenti tal-Konvenzjoni. Il-Konvenzjoni se tieħu preċedenza fuq ir-regoli tal-ġurisdizzjoni tar-Regolament minbarra jekk iż-żewġ partijiet ikunu residenti tal-UE jew ġejjin minn pajjiżi terzi, li mhumiex Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni. Fir-rigward tar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi, jipprevali r-Regolament fejn il-qorti li tkun tat is-sentenza u l-qorti li fiha jitwettqu r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni jinsabu t-tnejn li huma fl-Unjoni.

Għaldaqstant ladarba approvata mill-UE, il-Konvenzjoni se tnaqqas l-ambitu tal-applikazzjoni tar-Regolament Brussell I. Madankollu, dan it-tnaqqis tal-ambitu huwa aċċettabbli fid-dawl ta' aktar rispett għall-awtonomija tal-partijiet fil-livell internazzjonali, kif ukoll ċertezza legali akbar għall-kumpaniji tal-UE involuti fil-kummerċ ma' partijiet ta' Pajjiżi terzi.

1.4. Benefiċċji għan-negozju Ewropew

Ftehim dwar l-għażla tal-qorti huwa element sinifikanti fin-negozjati ta' kuntratti internazzjonali, minħabba li jiżgura l-prevedibbiltà legali f'każ ta' tilwim. Għaldaqstant dan huwa element importanti fil-valutazzjoni tar-riskju għall-kumpaniji meta jkunu involuti f'kummerċ internazzjonali. Iċ-ċifri li ngħabru matul it-tħejjija tal-proposta tal-Kummissjoni dwar l-iffirmar tal-Konvenzjoni u r-Regolament Brussell I (riformulazzjoni)[5] juru l-

[3] ĠU L 351, 20.12.2012, p. 1.

[4] L-eżekuzzjoni fl-Unjoni ta' ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti favur il-qrati tal-Isvizzera, l-Islanda u n-Norveġja hija rregolata mill-Konvenzjoni ta' Lugano tal-2007 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali.

[5] Dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja l-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Konvenzjoni dwar Ftehimiet dwar l-Għażla tal-Qorti mill-Komunità Ewropea, SEC(2008) 2389 ta' 5 9 2008 u l-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja l-proposta tal-Kummissjoni għar-Regolament Brussell I (riformulazzjoni), SEC (2010) 1547 finali tal-14 12 2010.

importanza tal-ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti għan-negozji tal-UE fir-relazzjonijiet minn negozju għal negozju tagħhom.

L-effettività tal-ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti fl-UE hija żgurata permezz tar-Regolament Brussell I. L-awtonomija tal-partijiet teħtieġ li tiġi żgurata mhux biss fl-UE, iżda wkoll lil hinn mill-fruntieri tal-UE. Il-Konvenzjoni se tagħti lin-negozji tal-UE ċ-ċertezza legali meħtieġa li l-ftehimiet tagħhom dwar l-għażla tal-qorti favur qorti barra mill-UE huma rrispettati fl-UE, u li l-ftehimiet ta' qorti favur qorti fl-UE huma rrispettati f'Pajjiżi terzi. Dan se jiżgura wkoll li n-negozji tal-UE jistgħu jkunu kunfidenti li sentenza mogħtija mill-qorti magħżula fl-UE tkun eliġibbli għar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni f'pajjiżi terzi, li huma l-Partijiet Kontraenti ta' din il-Konvenzjoni, u viċe versa.

Il-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni dwar il-konkluzjoni tal-Konvenzjoni mill-UE (SEG/2008/2389 finali) kkonkludiet li l-approvazzjoni tal-Konvenzjoni tista' żżid il-propensità tan-negozju biex tinkludi ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti f'kuntratti internazzjonali, minħabba ċertezza legali akbar. B'mod ġenerali, dan jista' jservi ta' stimolu għan-negozju internazzjonali

Il-benefiċċji għall-kummerċ tal-UE li jirriżultaw mill-approvazzjoni mill-UE tal-Konvenzjoni se jiżdiedu mal-għadd ta' ratifiki tal-Konvenzjoni b'mod partikolari permezz tal-imsieħba kummerċjali ewlenin tal-Unjoni.

2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Qabel ma pproponiet id-deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Konvenzjoni, fl-2008 il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni tal-impatt dwar il-konkluzjoni tal-Konvenzjoni mill-UE[6]. Din turi li l-konklużjoni tal-Konvenzjoni tista' tkun ta' benefiċċju biex tippromwovi ċertezza u predivibilità legali għan-negozji Ewropej fir-rigward ta' Pajjiżi terzi.

Il-valutazzjoni tal-impatt issuġġeriet li l-UE, meta tkun qed tapprova l-Konvenzjoni, tista' tikkunsidra jekk tagħmilx dikjarazzjonijiet skont l-Artikolu 21 tal-Konvenzjoni u teskludi d-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati (fejn il-validità ta' dawn id-drittijiet tkun marbuta mal-Istati Membri) mill-ambitu tiegħu kif ukoll kuntratti tal-assigurazzjoni (meta d-detentur ta' polza jkun domiċiljat fl-UE u r-riskju jew l-avveniment assigurat, oġġett jew proprjetà jkunu relatati esklussivament mal-UE). Minħabba l-impatt fuq iż-żewġ industriji u l-fatt li l-fehmiet tal-partijiet interessati fl-imgħoddi kienu maqsuma, il-Kummissjoni qieset ukoll il-ħtieġa li tagħmel dikjarazzjonijiet bħal dawn. B'mod notevoli, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tipproponi l-approvazzjoni tal-Konvenzjoni permezz ta' dikjarazzjoni dwar l-ambitu tal-Konvenzjoni kienet preċeduta minn konsultazzjonijiet mal-Istati Membri fil-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar Materji ta' Dritt Ċivili (Mistoqsijiet Ġenerali) fit-28 ta' Mejju 2013 (għal aktar informazzjoni ara l-punt 3.2 hawn taħt).

3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

3.1. Il-kompetenza tal-Unjoni fir-rigward tal-Konvenzjoni

Il-Konvenzjoni tagħmilha possibbli għal Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika, skont l-ambitu tal-kompetenzi fuq is-suġġett inkwistjoni tal-Konvenzjoni, biex tikkonkludi l-Konvenzjoni jew flimkien mal-Istati Membri tagħha jew inkella waħedha, bil-konsegwenza li torbot lill-Istati Membri tagħha (l-Artikolu 29 sa 30). Id-dikjarazzjoni

[6] Imsemmija fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5.

rilevanti tista' ssir mal-firma, l-aċċettazzjoni, l-approvazzjoni tal-Konvenzjoni jew l-adeżjoni magħha.

Meta l-UE ffirmat il-Konvenzjoni, hija ddikjarat skont l-Artikolu 30 tal-Konvenzjoni, li għandha l-kompetenza fuq il-kwistjonijiet kollha li jaqgħu taħt il-Konvenzjoni u li l-Istati Membri tagħha mhumiex se jkunu Partijiet Kontraenti fil-Konvenzjoni, iżda jkunu marbutin magħha permezz tal-konkluzjoni tagħha mill-UE. Għaldaqstant, meta l-EU tapprova l-Konvenzjoni mhuwiex meħtieġ li tagħmel dikjarazzjoni ulterjuri skont l-Artikolu 30.

3.2. Dikjarazzjonijiet skont il-Konvenzjoni li jaffettwaw l-ambitu sostantiv

Sabiex ikun hemm flessibbiltà u jinżamm l-appell wiesa' potenzjali tagħha, il-Konvenzjoni tagħmilha possibbli għall-Partijiet Kontraenti li testendi jew tnaqqas l-ambitu sostantiv billi tagħmel id-dikjarazzjonijiet rilevanti (l-Artikolu 19 sa 22). Id-dikjarazzjonijiet jistgħu jsiru mal-firma jew l-approvazzjoni jew f'kull ħin wara, u jistgħu jiġu mmodifikati jew irtirati f'kull ħin. Mal-firma tal-Konvenzjoni, l-Unjoni ma għamlet l-ebda dikjarazzjoni skont dawn l-Artikoli. Kif imsemmi hawn fuq, minn Mejju sa Ġunju tal-2013, il-Kummissjoni wettqet aktar konsultazzjonijiet mal-Istati Membri marbutin mal-ħtieġa għal dikjarazzjonijiet bħal dawn. Ir-riżultati tal-konsultazzjonijiet qed jiġu ppreżentati hawn taħt.

3.2.1. Dikjarazzjonijiet skont l-Artikoli 19, 20 u 22

L-Artikolu 19 jippermetti Stat li jagħmel dikjarazzjoni li twassal biex il-qrati tiegħu jkunu jistgħu jirrifjutaw li jiddeċiedu dwar tilwim li għalih japplika ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti f'każijiet li ma juru l-ebda rabta oħra mal-Istat tagħhom ħlief għall-għażla tal-qorti. L-Artikolu 20 jippermetti li Stat ikun jista' jiddikjara li l-qrati tiegħu jistgħu jirrifjutaw ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenza mogħtija minn qorti ta' Stat Kontraenti ieħor, jekk il-partijiet jkunu residenti fl-Istat rikjest u r-relazzjoni tal-partijiet u l-elementi l-oħra kollha rilevanti għat-tilwim, ħlief il-post tal-qorti magħżula, jkunu marbuta biss mal-Istat rikjest. L-Artikoli 19 u 20 b'hekk jippermettu li ċerti sitwazzjonijiet, li minbarra l-għażla tal-qorti, ma juru l-ebda element internazzjonali ieħor, jiġu esklużi mill-iskop tal-Konvenzjoni.

L-Artikolu 22 joffri l-possibbiltà għal Stat li jestendi l-ambitu tal-Konvenzjoni biex ikopri ftehimiet mhux esklussivi dwar l-għażla tal-qorti f'dak li jikkonċerna r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi. Minħabba l-prinċipju tar-reċiproċità, l-obbligu li s-sentenzi jiġu rikonoxxuti u infurzati abbażi tal-ftehimiet mhux esklussivi dwar l-għażla tal-qorti jgħodd biss għal sentenzi mogħtija minn qrati ta' Partijiet Kontraenti oħra li huma stess ikunu stabbilixxew id-dikjarazzjonijiet tal-Artikolu 22.

Fir-rigward tal-Artikoli 19 u 20, ta' min jinnota li l-liġi tal-Unjoni tirrikonoxxi ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti f'sitwazzjonijiet fejn l-għażla tal-qorti tkun l-unika rabta mal-Istat tal-qorti magħżula. Il-liġi tal-Unjoni ma teħtieġx rabta addizzjonali mal-Istat magħżul minbarra l-għażla tal-qorti. Għaldaqstant, jidher li ma hemm l-ebda raġuni biex sitwazzjonijiet bħal dawn jiġu esklużi mill-ambitu tal-Konvenzjoni. Dan ġie kkonfermat fil-konsultazzjonijiet imwettqa mill-Kummissjoni fost l-Istati Membri rigward dikjarazzjonijiet possibbli skont l-Artikolu 19 sa 20. Għalhekk, il-Kummissjoni ma tipproponix li tagħmel dikjarazzjonijiet skont dawn l-Artikoli.

Fir-rigward tal-Artikolu 22, jekk l-ambitu tal-Konvenzjoni jiġi estiż, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi mogħtija fuq il-bażi ta' ftehimiet mhux esklussivi dwar l-għażla tal-qorti jwassal biex il-qrati tal-Istati Membri tal-UE b'mod ġenerali ma jkollhomx ġurisdizzjoni f'sitwazzjonijiet fejn ikunu diġà qed jisimgħu kawża mressqa minn waħda mill-partijiet wara li sentenza abbażi ta' ftehim mhux esklussiv dwar l-għażla tal-qorti tkun diġà ngħatat mill-qorti ta' Parti Kontraenti oħra li tkun għamlet dikjarazzjoni taħt l-Artikolu 22. Il-Kummissjoni

mhix qiegħda tipproponi li tagħmel id-dikjarazzjoni skont l-Artikolu 22 meta l-Konvenzjoni tiġi approvata. Minħabba li l-Artikolu huwa bbażat fuq il-prinċipju ta' reċiproċità, id-dikjarazzjoni potenzjali tista' possibilment tiġi kkunsidrata fi stadju aktar tard, ladarba l-interessi tal-Partijiet Kontraenti l-oħra għall-Konvenzjoni, li jiġi estiż l-ambitu tagħha skont l-Artikolu 22 jkunu saru evidenti. Il-fehmiet tal-Istati Membri li wieġbu għall-konsultazzjoni tal-Kummissjoni jappoġġjaw fil-prinċipju l-proposta tal-Kummissjoni biex f'dan il-waqt tissokta mingħajr dikjarazzjoni.

3.2.2. Dikjarazzjonijiet magħmula skont l-Artikolu 21

3.2.2.1. Id-dikjarazzjonijiet b'mod ġenerali

L-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni diġà jipprovdi għal għadd ta' esklużjonijiet mill-ambitu tagħha. Barra minn hekk, l-Artikolu 21 jippermetti l-Parti Kontraenti li testendi l-lista ta' kwistjonijiet eskluži billi tagħmel dikjarazzjoni li tispeċifika l-kwistjoni li beħsiebha teskludi. Għaldaqstant, fir-rigward ta' din il-kwistjoni, il-Konvenzjoni ma tapplikax fl-Istat li jagħmel id-dikjarazzjoni u, minħabba r-reċiproċità, Stati oħra ma jkunux jistgħu japplikaw il-Konvenzjoni għall-kwistjoni partikolari fejn il-qorti magħżula tkun fl-Istat li kien għamel id-dikjarazzjoni. Barra minn hekk, iridu jintlaħqu l-kundizzjonijiet li ġejjin għad-dikjarazzjoni: jeħtieġ interess qawwi min-naħa tal-istat li qed jiddikjara li mhux qed japplika l-Konvenzjoni għal kwistjoni speċifika; id-dikjarazzjoni tista' ma tkunx aktar wiesgħa milli meħtieġ u l-kwistjoni speċifika eskluża trid tiġi definita b'mod ċar u preċiż[7].

Il-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni tal-2008 indikat ukoll li għandha tingħata kunsiderazzjoni lill-Unjoni li qed tagħmel dikjarazzjoni skont l-Artikolu 21 tal-Konvenzjoni u b'hekk teskludi mill-ambitu tal-Konvenzjoni kwistjonijiet ta' kuntratti ta' assigurazzjoni - fejn id-detentur tal-polza jkun residenti fl-UE u r-riskju jew l-avveniment, l-oġġett jew il-proprjetà assigurati jkunu relatati esklussivament mal-UE – u ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fejn il-validità ta' dawn id-drittijiet tkun marbuta ma' Stat Membru. L-għan ta' dikjarazzjonijiet bħal dawn ikun li tiġi protetta l-aktar parti dgħajfa ta' kuntratt tal-assigurazzjoni (bħall-protezzjoni disponibbli skont ir-Regolament Brussell I) u għal kuntratt ta' dritt tal-awtur milli jkollha tressaq it-tilwim fil-qorti magħżula li seta' ġie impost fuqha minn ko-kuntrattur f'pożizzjoni aktar b'saħħitha u diskutibilment, biex tiġi żgurata l-applikazzjoni ta' ċerti standards dwar id-drittijiet tal-awtur u d-drittijiet relatati stabbiliti skont il-liġi tal-UE.

Kif issemma qabel, il-Kummissjoni wettqet aktar konsultazzjonijiet mal-Istati Membri dwar il-ħtieġa għal kwalunkwe dikjarazzjoni skont l-Artikolu 21, filwaqt li kkunsidrat il-politika rigward ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti fil-liġi tal-Unjoni u żammet f'moħħha li minħabba l-prinċipju tar-reċiproċità, l-esklużjoni ta' kwistjoni speċifika mill-ambitu ikun ifisser li klawsoli dwar l-għażla tal-qorti favur il-qrati tal-Unjoni li jistgħu jkunu ta' benefiċċju għal partijiet fl-UE ma jkunux infurzati f'Partijiet Kontraenti ta' Pajjiżi terzi għall-Konvenzjoni. Filwaqt li jitqiesu r-riżultati tal-konsultazzjoni, il-Kummissjoni tipproponi biex tillimita d-dikjarazzjoni skont l-Artikolu 21 għal dawk il-kwistjonijiet fejn il-liġi tal-Unjoni tillimita l-awtonomija tal-partijiet b'mod ugwali. Dan huwa l-każ, dwar kwistjonijiet marbuta mal-ambitu tal-Konvenzjoni biss fir-rigward ta' ċerti tipi ta' kuntratti tal-assigurazzjoni konklużi għal skopijiet li jistgħu jitqiesu bħala li huma fis-settur tal-kummerċ jew il-professjoni li l-

[7] Kif spjegat aktar fir-Rapport ta' Spjegazzjoni dwar il-Konvenzjoni: 'kien maħsub mis-Sessjoni Diplomatika li din id-dispożizzjoni għandha tapplika biss għal oqsma diskreti tal-liġi, bħal dawk eskluži bl-Artikolu 2(2). Id-dikjarazzjoni ma tistax tuża kwalunkwe kriterju ħlief is-suġġett inkwistjoni. Din tista', pereżempju, teskludi 'kuntratti ta' assigurazzjoni marittima', iżda mhux 'kuntratti ta' assigurazzjoni marittima fejn il-qorti magħżula tinsab fi Stat ieħor' (paragrafu 235). Għaldaqstant, l-uniku kriterju permess huwa dak tas-suġġett inkwistjoni.

partijiet ikunu involuti fiha. Esklużjoni daqshekk limitata se tiżgura metodu koerenti dwar l-għażla ta' qorti fl-Unjoni u lil hinn minnha.

3.2.2.2. Dikjarazzjoni proposta fuq kuntratti tal-assigurazzjoni

Ir-Regolament Brussell I (Taqsima 3) jipprovdi għal ġurisdizzjoni protettiva speċjali fi kwistjonijiet ta' assigurazzjoni li għandha l-għan li tħares il-parti d-dgħajfa (id-detentur tal-polza, l-assigurat jew benefiċjarju) u l-interessi ekonomiċi tal-pubbliku ġenerali tal-post fejn tinsab l-aktar parti dgħajfa. Id-detentur tal-polza bħala rikorrent għaldaqstant għandu l-għażla li jħarrek lill-assiguratur f'postijiet differenti, inkluż il-post fejn id-detentur tal-polza huwa residenti, l-assiguratur bħala rikorrent jista' jħarrek lid-detentur tal-polza fil-prinċipju biss fejn tal-aħħar huwa residenti. Dawn ir-regoli protettivi ta' ġurisdizzjoni huma bbażati fuq il-premessa li l-parti assigurata hija dejjem il-parti d-dgħajfa, anki jekk dan jaġixxi bħala operatur kummerċjali fir-relazzjonijiet minn negozju għal negozju. M'hemm l-ebda tibdil għal din il-preżunzjoni fir-Regolament Brussell I (riformulazzjoni). Għal din ir-raġuni, il-possibbiltà tal-partijiet li jikkonkludu l-ftehim dwar l-għażla tal-qorti kien limitat (l-Artikolu 13 tar-Regolament). Ir-regoli ta' ġurisdizzjoni li jħarsu l-konsumatur fit-Taqsima 3, f'każijiet kontra l-assiguratur, japplikaw biss jekk dan tal-aħħar ikun residenti jew meqjus li jkun residenti (permezz ta' fergħa, aġenzija jew stabbiliment) fl-UE. M'hemm l-ebda tibdil għal din il-politika ta' protezzjoni fir-Regolament Brussell I (riformulazzjoni).

Il-Konvenzjoni min-naħa tagħha tapplika għal kwistjonijiet ta' assigurazzjoni mingħajr ma tillimita l-awtonomija tal-partijiet li jikkonkludu ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti. L-unika limitazzjoni sostantiva tirriżulta mill-Artikolu 2(1)(a) tal-Konvenzjoni li teskludi kuntratti tal-assigurazzjoni minn persuni privati bħala konsumaturi. Dan huwa parzjalment għall-kuntrarju tas-sistema stabbilita fir-Regolament Brussell I, sa fejn pereżempju il-Konvenzjoni tkun tapplika għal kuntratti tal-assigurazzjoni konklużi mill-SMEs. Ladarba l-Konvenzjoni tkun approvata mill-UE, ċerti kuntratti ta' assigurazzjoni li issa jaqgħu taħt ir-Regolament Brussell I, eż. kuntratti bejn detentur ta' polza tal-UE u fergħa ta' assiguratur tal-UE bil-kwartieri ġenerali tagħhom ikunu barra mill-UE (l-Artikolu 9(2) tar-Regolament) jkunu jaqgħu taħt l-ambitu tal-Konvenzjoni (Artikolu 26(6), flimkien mal-Artikolu 4(2) tal-Konvenzjoni). Għaldaqstant, jekk il-Konvenzjoni tiġi konkluża mingħajr ma teskludi kuntratti tal-assigurazzjoni, ikun hemm nuqqas ta' parallelliżmu mal-politika ta' protezzjoni stabbilita fir-Regolament Brussell I, li tippermetti l-parti assigurata tħarrek bil-qorti assiguratur tal-UE (jew fergħa tal-UE ta' assiguratur ta' Pajjiż terz) fil-post tiegħu ta' domiċilju irrispettivament minn kwalunkwe ġurisdizzjoni oħra disponibbli taħt ftehim dwar l-għażla tal-qorti. L-effett negattiv tal-esklużjoni sħiħa ta' kuntratti tal-assigurazzjoni, minn naħa tal-assiguraturi Ewropej, hija li l-għażla tal-klawżoli tal-qorti li jkunu nnegozjaw ma' detenturi ta' poloz, li mhumiex Ewropej ma tkunx rikonoxxuta u infurzata f'Pajjiżi terzi, li huma Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni. Fil-każ tad-detenturi tal-poloz Ewropej, dawn jitilfu l-vantaġġ li jkollhom id-deċiżjonijiet tal-qrati tal-UE (magħżula mill-partijiet) rikonoxxuti u infurzati barra mill-Unjoni skont il-Konvenzjoni. Madankollu, il-vantaġġi li wieħed ikollu l-istess skema fuq livell estern, li tipproteġi l-interessi tal-partijiet l-aktar dgħajfa tal-UE, bħal fil-leġiżlazzjoni interna tal-UE, jissuperaw dawn l-iżvantaġġi.

Il-fehmiet tal-Istati Membri li wieġbu għall-konsultazzjoni tal-Kummissjoni dwar din il-kwistjoni kienu differenti bi kważi numru ugwali favur u kontra, bl-esklużjoni tal-kuntratti ta' assigurazzjoni mill-ambitu tal-Konvenzjoni. Għaldaqstant, wara valutazzjoni tal-impatt u sabiex tkun żgurata konsistenza mal-leġiżlazzjoni ta' protezzjoni interna tal-UE, il-Kummissjoni tipproponi li teskludi ċertu tip ta' kwistjonijiet ta' assigurazzjoni mill-ambitu tal-Konvenzjoni mingħajr kundizzjonijiet ulterjuri. L-Artikolu 21 tal-Konvenzjoni jirrikjedi li d-dikjarazzjonijiet jiġu fformulati biss skont is-suġġett inkwistjoni. Bħala riżultat ta' dan, kull

dikjarazzjoni skont l-Artikolu 21 ma setgħetx tiġi fformulata b'tali mod li tkun tibbenefika unilateralment il-partijiet tal-UE.

L-Artikolu 13 u 14 tar-Regolament Brussell I ma jillimitawx l-awtonomija tal-partijiet f'kuntratti tal-assigurazzjoni fil-każijiet kollha. Hemm għadd ta' eċċezzjonijiet li permezz tagħhom il-partijiet huma permessi li jinnominaw il-qorti kompetenti biex tisma' t-tilwim tagħhom. Id-dikjarazzjoni proposta hija fformulata b'tali mod li tippermetti, kemm jista' jkun, dawk il-ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti li huma rikonoxxuti fil-liġi tal-Unjoni, li jkunu rikonoxxuti bl-istess mod fuq livell internazzjonali permezz tal-Konvenzjoni dwar l-Għażla tal-Qorti. Madankollu, fid-dawl tal-formulazzjoni tal-eċċezzjonijiet skont il-liġi tal-Unjoni li jkunu mfassla biex jipproteġu lid-detenturi ta' poloz tal-UE biss u r-rekwiżit tal-Konvenzjoni li d-dikjarazzjoni għandha tirreferi għas-suġġett inkwistjoni biss, ma jidhirx li huwa possibbli li tiġi żgurata koerenza sħiħa bejn il-Konvenzjoni fuq naħa u l-liġi tal-Unjoni fuq in-naħa l-oħra. B'mod partikolari, l-Artikolu 13(4) tar-Regolament Brussell I jirrikonoxxi u jinforza ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti konklużi ma' detenturi ta' poloz residenti barra l-UE, sakemm l-assigurazzjoni ma tkunx obbligatorja jew relatata ma' proprjetà immobbli fi Stat Membru. Minħabba li skont il-Konvenzjoni mhuwiex possibbli li ssir distinzjoni bejn detenturi ta' poloz residenti ġewwa u barra l-Unjoni, il-Kummissjoni tipproponi li ma tirriflettix l-eċċezzjoni tal-Artikolu 13(4) fid-dikjarazzjoni. Dan ikollu l-effett li l-kuntratti tal-assigurazzjoni konklużi minn detenturi ta' poloz residenti barra l-Unjoni ma jkunux regolati mill-Konvenzjoni u jibqgħu regolati permezz tal-liġi interna tal-Unjoni. Għaldaqstant, kumpaniji Ewropej li jikkonkludu ftehimiet ma' detenturi ta' poloz li mhumiex Ewropej ikunu żgurati li jaraw il-ftehim tagħhom dwar l-għażla tal-qorti kkonfermat mill-qrati tal-Unjoni fuq il-bażi tal-Artikolu 13(4); detenturi ta' poloz Ewropej li jikkonkludu ftehimiet ma' assiguraturi li mhumiex Ewropej jibqa' jkollhom aċċess għal qrati tal-UE fuq il-bażi tat-Taqsima 3 tal-Kapitolu II tar-Regolament ta' Brussell I.

B'mod ġenerali, id-dikjarazzjoni proposta għandha l-għan li tiżgura li:

- il-konċessjoni hija żgħira kemm ikun meħtieġa biex jinkiseb l-għan li jiġu protetti l-interessi tal-partijiet id-dgħajfa f'kuntratti tal-assigurazzjoni kif rifless fir-regoli ta' ġurisdizzjoni li jħarsu l-konsumaturi tar-Regolament Brussell I. Il-qrati tal-Istati Membri tal-UE se jiġu permessi (fuq il-bażi tal-liġi tal-UE jew dik nazzjonali, meta applikabbli) biex jisimgħu it-tilwim tal-assigurazzjoni minkejja l-ftehim dwar l-għażla tal-qorti favur il-qrati ta' Pajjiż terz li huwa Parti Kontraenti għall-Konvenzjoni;
- ikun konsistenti mal-Konvenzjoni. Id-dikjarazzjoni hija bbażata biss fuq is-suġġett inkwistjoni u hija newtrali;
- jeżisti parallelliżmu mar-Regolament Brussell I, li fl-Artikolu 13 u 14 tiegħu jiddeskrivi s-sitwazzjonijiet meta ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti jkunu permessi f'kuntratti tal-assigurazzjoni;
- kemm is-suġġett inkwistjoni eskluż – il-kuntratti tal-assigurazzjoni – u s-sitwazzjonijiet meta l-konċessjoni ma tapplikax huma definiti b'mod ċar u preċiż.

2014/0021 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-approvazzjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Aja tat-30 ta' Ġunju 2005 dwar Ftehimiet dwar l-Għażla tal-Forum

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 81(2), flimkien mal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 218(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew[8],

Billi:

(1) L-Unjoni Ewropea qed taħdem għat-twaqqif ta' żona ġudizzjarja komuni bbażata fuq il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji.

(2) Il-Konvenzjoni dwar Ftehimiet dwar l-Għażla tal-Qorti konkluża fit-30 ta' Ġunju 2005 taħt il-patroċinju tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat, (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-Konvenzjoni) tagħmel kontribut siewi biex tipprowmovi l-awtonomija tal-partijiet fi tranżazzjonijiet kummerċjali internazzjonali u biex tiżviluppa l-previdibilità ta' soluzzjonijiet ġudizzjarji fi tranżazzjonijiet bħal dawn. B'mod partikolari, il-Konvenzjoni tiżgura ċ-ċertezza legali meħtieġa għall-partijiet li l-għażla tagħhom tal-qorti hija rispettata u li sentenza mogħtija mill-qorti magħżula hija eliġibbli għar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni f'sitwazzjonijiet transfruntiera.

(3) L-Artikolu 29 tal-Konvenzjoni jippermetti li l-Organizzazzjonijiet Ekonomiċi Reġjonali bħall-Unjoni Ewropea jiffirmaw, jaċċettaw jew japprovaw il-Konvenzjoni jew jaderixxu magħha. L-Unjoni ffirmat il-Konvenzjoni fl-1 ta' April 2009, soġġetta għall-konklużjoni tal-Konvenzjoni f'data aktar tard, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/397/KE[9].

(4) Il-Konvenzjoni taffettwa l-leġiżlazzjoni sekondarja tal-Unjoni dwar il-ġurisdizzjoni bbażata fuq l-għażla mill-partijiet u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi li jirriżultaw, partikolarment ir-Regolament tal-Kunsill (KE) 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali[10]. Mill-10 ta' Jannar 2015 ir-Regolament (KE) Nru 44/2001 jiġi sostitwit mir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali[11].

(5) Billi r-Regolament (KE) Nru 1215/2012 ħejja r-ratifika tal-Konvenzjoni billi żgura koerenza bejn ir-regoli tal-Unjoni dwar l-għażla tal-qorti fi kwistjonijiet ċivili u

---

8 OJ C , , p. .

9 ĠU L 133, 29.5.2009, p. 1.

10 ĠU L 12, 16.1.2001, p. 1.

11 ĠU L 351, 20.12.2012, p. 1.

kummerċjali u dawk tal-Konvenzjoni. Għalhekk ikun xieraq li l-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ fl-Unjoni fl-istess data proposta għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1215/2012.

(6) Mal-iffirmar tal-Konvenzjoni, l-Unjoni ddikjarat skont l-Artikolu 30 tal-Konvenzjoni, li għandha kompetenza fuq kull kwistjoni rregolata mill-Konvenzjoni. Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom ikunu marbuta bil-Konvenzjoni b'riżultat tal-approvazzjoni tagħha mill-Unjoni.

(7) Barra minn hekk, meta tkun qed tapprova l-Konvenzjoni, l-Unjoni għandha tippermetti d-dikjarazzjoni skont l-Artikolu 21, li b'mod ġenerali teskludi kuntratti tal-assigurazzjoni, li jkunu soġġetti għal eċċezzjonijiet definiti mill-ambitu tal-Konvenzjoni. L-iskop tad-dikjarazzjoni huwa li jinżammu r-regoli ta' ġurisdizzjoni li jħarsu l-konsumaturi disponibbli għad-detentur tal-polza, l-assigurat jew il-benefiċjarju f'kuntratti tal-assigurazzjoni skont it-Taqsima 3 tar-Regolament (KE) Nru 44/2001. L-esklużjoni għandha tkun limitata għal dak kollu li jkun meħtieġ biex jitħarsu l-interessi tal-partijiet l-aktar dgħajfa f'kuntratti tal-assigurazzjoni.

(8) Ir-Renju Unit u l-Irlanda huma marbuta bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 u għalhekk qegħdin jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(9) F'konformità mal-Artikolu 1 u 2 tal-Protokoll (Nru 22) dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Konvenzjoni tal-Aja tat-30 ta' Ġunju 2005 dwar il-Ftehimiet dwar l-Għażla tal-Qorti ('il-Konvenzjoni') hija b'dan approvata f'isem l-Unjoni Ewropea.

It-test tal-Konvenzjoni jinsab fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jinnomina l-persuna awtorizzata biex tipproċedi, f'isem l-Unjoni Ewropea, biex tiddepożita l-istrument msemmi fl-Artikolu 27(4) tal-Konvenzjoni, sabiex jiġi espress il-kunsens tal-Unjoni Ewropea li tkun marbuta bil-Ftehim.

Artikolu 3

Meta tiddepożita l-istrument previst fl-Artikolu 27(4) tal-Konvenzjoni, l-Unjoni tagħmel id-dikjarazzjoni prevista fl-Artikolu 21 li jikkonċerna kuntratti tal-assigurazzjoni.

It-test ta' din id-dikjarazzjoni jinsab mehmuż bħala l-Anness II.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President